# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 14**
**Rikors maħluf numru 669/2019/1 TA**

***Malta Dairy Products Limited***
***v.***
**Kevin Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2022 illi laqgħet talba tal-attriċi u ikkundannat lill-konvenut iħallas il-bilanċ ta' dejn minnu magħruf b'att pubbliku.

2. B'kuntratt pubbliku tad-29 ta' Mejju 2014 il-konvenut għaraf li għandu jagħti lill-attriċi mitejn u tlieta u ħamsin elf, mija u tlieta u sebgħin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€ 253,173.13) prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa lilu mill-attriċi. Id-dejn u l-imgħax relattiv ta' ħamsa fil-mija fis-sena (5% *p.a.*) kellu jitħallas fi żmien seba' snin bi ħlasijiet ta' tlitt elef, ħames mija u tmienja u sebgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu

(€ 3,578.33) kull xahar. Il-konvenut intrabat ukoll illi, jekk jonqos milli jħallas fil-waqt, l-imgħax fuq il-ħlas nieqas ikun ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*), u, jekk jaqa' lura f'żewġ ħlasijiet, jitlef il-benefiċċju tat-terminu u jkollu jħallas il-bilanċ minnufih.

3. Billi l-konvenut waqa' lura fil-ħlas, u għalxejn sejħitlu biex iħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha l-bilanċ ta' mitejn u tlitt elef, tliet mija u sitta u tmenin ewro u sebgħin ċenteżmu (€ 203,386.70) flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

4. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. billi din il-kawza hija ibbażata fuq kuntratt li qiegħed jiġi impunjat f'kawża oħra li ġiet preżentata fit-28 ta' Mejju 2019, *ossia* 515/19 Kevin Camilleri *v. Malta Dairy Products* (C7833*)*, din il-qorti għandha tistenna l-eżitu ta' dik l-ewwel kawża, inkella alternativament tapplika l-provvediment tal-artikoli 792[1] u/jew 793[2] tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> »2. kuntrarjament għal dak li jintqal … fir-rikors ġuramentat, il-kuntratt mertu tal-kawża jikkontempla imgħax użurarju in kwantu jimponi imgħax "ulterjuri" ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanċ ta' somma li minnha nnifisha diġà tkun tinkorpora imgħax bir-rata' ta' ħamsa fil-mija (5%), … u dan minkejja kull spjegazzjoni mod ieħor li tipprova tagħti s-soċjetà attriċi. Dana jfisser illi t-talba ma tistax tintlaqa' għaliex il-bażi tagħha huwa kuntratt li jinkorpora fih disposizzjonijiet mhux permess mil-liġi;
>
> »3. apparti dan, is-soċjetà attriċi jeħtieġ tipprova bil-produzzjoni tad-debiti fatturi illi l-ammonti fil-prospett esebiti, li mbagħad wasslu għas-somma msemmija fil-kuntratt *de quo*, ma jinkoporawx fihom imgħax li mbagħad, magħdud mal-imgħax mitlub hawnhekk, jisbqu dak permess mil-liġi;
>
> »fi kwalunkwe każ, is-soċjetà attriċi jeħtieġ iġġib prova tal-kapital pretiż.«

5. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tas-soċjetà attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

---

1 *Lis alibi pendens*

2 Konnessjoni ta' kawża ma' oħra

»Il-fatti ewlenin li jemerġu mill-atti proċesswali juru s-segwenti:

»L-attur [*recte,* il-konvenut] kien distributur tas-soċjetá konvenuta [*recte,* attriċi]. Dan jiġifieri kien jixtri l-prodott mingħandha biex ibigħu lill-ħwienet.

»L-attur [*recte,* il-konvenut] ma żammx mal-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom fil-ftehim ta' distribuzzjoni li huwa għamel mas-soċjetà konvenuta [*recte,* attriċi]. Dan minħabba li sab ruħu moruż fil-pagamenti dovuti minnu lis-soċjetà konvenuta [*recte,* attriċi] fl-ammont ta' €253,173.13.

«Minkejja li s-soċjetà konvenuta [*recte,* attriċi] interpellatu diversi drabi biex iħallas dan il-bilanċ minnu dovut, l-attur [*recte,* il-konvenut] baqa' inadempjenti.

»Is-soċjetà konvenuta [*recte,* attriċi] għalhekk ipproponiet li l-attur [*recte,* il-konvenut] jersaq għal att ta' kostituzzjoni ta' debitu. Dan l-att ġie fil-fatt ippubblikat fid-29 ta' Mejju 2014.

»Permezz tal-kuntratt imsemmi, l-attur [*recte,* il-konvenut] Kevin Camilleri ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur a favur il-kumpannija konvenuta [*recte,* attriċi] fl-ammont imsemmi ta' €253,173.13.

»Hekk kif hemm stipulat fl-att imsemmi:

> »"Din is-somma hija dovuta mid-debitur a favur il-kumpannija kreditriċi bħala xiri ta' ħalib u prodotti ta' ħalib mibjugħa u konsenjati lid-debitur fil-perjodu bejn il-11 ta' Diċembru tas-sena 2013 u l-20 ta' Marzu tas-sena 2014 …"

»Skond l-istess att:

> »"Din is-somma għandha titħallas lura fi żmien seba' (7) snin mid-data ta' llum. Fuq din is-somma, jiddekorru l-interessi miftiehma bejn il-partijiet ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena, kalkulabbli a scaletta. Din is-somma u l-interessi li jiddekorru fuqha għandhom jitħallsu lura permezz ta' pagamenti mensili ta' tlett elef, ħames mija u tmienja u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu tal-euro (€3,578.33) tul l-imsemmi perjodu ta' seba' (7) snin, kif inhu spjegat aħjar fuq iċ-ċedola ta' pagamenti konsistenti f'paġna waħda, hawn annessa u mmarkata Dokument 'B' li tifforma parti integrali minn dan il-ftehim. L-imsemmija pagamenti jkunu jkopru kemm il-kapital u kif ukoll l-interessi li jiddekorru fuqha kif spjegat aħjar fl-anness imsemmi."

»Il-kuntratt ikompli jistipula li

> »"id-debitur jinkorri l-ħlas ta' mgħaxijiet ulterjuri kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis sena fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta, u dan sa l-effettiv pagament ta' dik ir-rata jew ta' kull bilanċ."

»L-istess kuntratt ikompli jispeċifika li

> »"F'każ li d-debitur jonqos milli jħallas żewġ rati kemm konsekutivi jew le, id-debitur għandu jitlef il-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhu skond dan il-ftehim, u kif aħjar regolat fiċ-ċedola hawn annessa dokument 'B', bil-konsegwenza li kull bilanċ mhux imħallas, flimkien mal-imgħaxijiet relativi fuq tali bilanċ, isiru dovuti mid-debitur lill-kumpanija kreditriċi minnifuh."

»Tul l-imsemmi perjodu ta' 7 snin, l-attur [*recte,* il-konvenut] ħallas dsatax (19) minn erbgħa u tmenin (84) pagament mensili ta' €3,578.33 elenkati fl-imsemmija ċedola ta' pagamenti. Dawn id-19-il pagamenti mensili tħallsu mill-konvenut matul il-perjodu ta' bejn id-9 ta' Mejju 2014 sas-6 ta' Jannar 2016.

»Jirriżulta għalhekk li l-attur [*recte,* il-konvenut] ħallas interessi ta' 5% fl-ammont ta' €18,201.76 u jonqsu jħallas kapital fl-ammont ta' €203,386.69.

»L-attur [*recte,* il-konvenut] naqas milli jħallas il-bqija tal-pagamenti fid-dati meta saru dovuti kif imniżżlin fid-dokument B taħt il-kolonna intestata '*Payment due by end of*'. Skatta għalhekk l-obbligu li l-attur [*recte,* il-konvenut] assuma bit-tieni paragrafu tat-tieni paġna tal-att ta' kostituzzjoni ta' debitu, jiġifieri li l-bilanċ tal-kapital fl-ammont ta' €203,386.69 jitħallas bir-rata ta' imgħax ta' 8% u mhux iżjed bil-5%. Dawn l-interessi bir-rata ta' 8% bdew jiġu kkalkolati mill-1 ta' Marzu 2016.

»Permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fit-28 ta' Marzu 2016 is-soċjetà konvenuta [*recte,* attriċi] interpellat lill-attur [*recte,* il-konvenut] għal ħlas tal-bilanċ ta' €203,386.69 "kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skont l-istess kuntratt".

»Sat-22 ta' Jannar 2019, dan l-imgħax ta' 8% fuq il-kapital ta' €203,386.69 kien jammonta għal €47,118.85. F'din id-data s-soċjetà attrici kienet ippreżentat kontra l-attur [*recte*, il-konvenut] rikors għal ħruġ ta' mandat ta' qbid in kawtela tal-kreditu tagħha fl-ammont ta' €250,505.54 li kien jinkludi l-ammonti imsemmija ta' €203,386.69 f'sorti u €47,118.85 f'interessi. Minkejja li ntlaqa' b'digriet tal-1 ta' Frar 2019, il-mandat m'għadux fis-seħħ wara li ġie preżentat kontro-mandat mis-soċjetà attrici stess. Il-proċeduri eventwali ta' *sub hasta* istitwiti kontra l-konvenut mis-soċjetà attrici ġew ukoll minnha rinunzjati.

»Fit-28 ta' Mejju 2019, il-konvenut istitwixxa kontra s-soċjetà konvenuta [*recte*, attriċi] azzjoni għal dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-29 ta' Mejju 2014 huwa affett minn użura adoperata kontra l-attur [*i.e.* il-konvenut fil-kawża tallum] u għalhekk null *in toto* jew *in parte*.

»Fit-8 ta' Lulju 2019, is-soċjetà konvenuta [*recte*, attriċi] istitwiet kontra l-attur [*recte*, il-konvenut] l-azzjoni odjerna għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 29 ta' Mejju 2014.

»Dawn iż-żewġ kawżi mxew u nstemgħu flimkien minn din il-qorti.

»Permezz tal-kawżali u kif impustata fl-ewwel talba attriċi, is-soċjetà attriċi qed titlob lil din il-qorti tinforza l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-29 ta' Mejju 2014. Dan billi tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €203,386.70 rappreżentanti bilanċ ta' ammont dovut lilha mill-konvenut skont il-kuntratt imsemmi. Jiġifieri din hija azzjoni normali għall-ħlas ta' debitu peress li d-debitur tilef il-benefiċċju tat-terminu lilu moghti. Għalhekk hija kwistjoni ta' morożità fil-pagamenti kif miftiehma fil-kuntratt u dejjem in konsonanza mal-prinċipju l-ieħor ta' *pacta sunt servanda* għaliex il-kuntratt huwa liġi bejn il-parijiet … … … Ovvjament dan il-prinċipju ġenerali għandu wkoll l-eċċezzjonijiet tiegħu.

> »Fir-risposta tiegħu, il-konvenut jikkontesta l-validità tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. B'referenza għall-kawża numru 515/2019 li permezz tagħha qed ifittex li jimpunja l-istess kuntratt, l-konvenut jikkontendi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu jikkontjeni kawża illeċita għaliex "jikkontempla imgħax użurarju in kwantu jimponi mgħax "ulterjuri" ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanċ ta' somma li minnha nnifisha din ħa tkun tinkorpora imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%)".
>
> »Din l-eċċezzjoni tifforma l-mertu tal-kawża numru 515/2019 istitwita mill-konvenut Kevin Camilleri. F'dik il-kawża u għal raġunijiet hemm espressi, liema kawża ġiet deċiza illum stess, il-qorti ikkonkludiet li l-kuntratt in kwistjoni huwa veru u reali u ma jimponi ebda imgħax in eċċess għal dak stabbilit mil-liġi. L-imgħax għalhekk għandu jiddekorri skont kif jirriżulta fil-ftehim in kwistjoni, jiġifieri bir-rata ta' 8% fuq il-bilanċ tas-somma kapitali fl-ammont ta' €203,386.70.«

6. Il-konvenut appella b'rikors tad-29 ta' Marzu 2022 li l-attriċi wieġbet għalih fit-3 ta' Mejju 2022. Il-konvenut appella wkoll mis-sentenza mogħtija fil-kawża nru 515/2019, fejn hu l-attur.

7. Safejn relevanti għal dan l-appell, il-meritu tal-kawża 515/2019 bejn l-istess partijiet (ħlief illi l-konvenut tallum huwa attur u s-soċjetà attriċi hija konvenuta) huwa dwar il-validità tal-kuntratt ta' għarfien ta' dejn u dwar it-tifsira tal-klawsola f'dak il-kuntratt illi tgħid illi, jekk il-konvenut jaqa' lura fil-ħlas, l-imgħax flok bil-ħamsa fil-mija fis-sena (5% *p.a.*) jibda għaddej bit-tmienja fil-mija (8% *p.a.*). B'sentenza mogħtija llum stess f'dik il-kawża din il-qorti sabet illi l-kuntratt ta' għarfien ta' dejn jiswa, u illi l-imgħax igħaddi biss fuq il-bilanċ tal-kapital – u mhux ukoll fuq imgħaxijiet magħluqa – bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) flok bil-ħamsa fil-mija (5% *p.a.*).

8. L-aggravji tal-appell tallum huma l-istess bħal dawk tal-appell fil-kawża l-oħra u, billi huma aktar ta' relevanza għall-kawża l-oħra milli għal din tallum, din il-qorti iddisponiet minnhom fl-appell fil-kawża l-oħra. Billi l-kawża l-oħra hija bejn l-istess partijiet, id-deċiżjoni fil-kawża l-oħra torbot-hom għall-għanijiet ta' din il-kawża wkoll.

9. Għalhekk, billi issa huwa stabilit illi l-kuntratt ta' għarfien ta' dejn jiswa, u t-talba tal-attriċi hija msejsa fuq dak il-kuntratt, ma hemm xejn xi jżomm milli t-talba fil-kawża tallum tintlaqa'.

10. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bil-preċiżazzjoni illi l-imgħax jibda għaddej bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) fuq il-bilanċ tal-kapital b'seħħ minn dakinhar li l-attur waqa' lura fil-ħlas.

11. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da